**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 179/2019**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Jonathan Ransley)**

**Vs**

**Paul Gauci Borda**
**Omar Bekbak**

**Illum 8 ta' April 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Paul Gauci Borda**, iben Paul u Rita neè Fenech, imwieled Ħaż-Żebbuġ fil-15 ta' Ottubru 1992, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 481492(M), u ta' **Omar Bekbak**, iben Abdul u Marthese neè Tabone, imwieled il-Pietà fid-9 ta' Settembru 1988, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 418588(M), talli nhar l-24 ta' Marzu 2019, għall-ħabta tas-2:00 ta' filgħodu minn Triq William Reid, Gżira:

1. Ikkommettew serq ta' għoddod u/jew oġġetti oħra minn ġewwa vettura bin-Numru tar-Reġistrazzjoni GGV-225, għad-detriment ta' Jason James Pawney u Igor Spasic u/jew persuna/i oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur, liema ammont jeċċedi s-somma ta' elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Paul Gauci Borda waħdu** talli b'diversi atti magħmulin minnu stess, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, u cioè talli:

2. Nhar il-5 ta' Frar 2019, għall-ħabta tas-6:15 ta' filgħodu, ikkommetta serq ta' deodorants u/jew oġġetti oħra minn ġewwa l-ħanut "Convenience Store" Triq il-Prinċipessa Margerita, Msida, għad-detriment ta' Kevin Sammut u/jew persuna/i oħra, liema serq ma jeċċedix is-somma ta' mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94);

3. Nhar id-19 ta' Frar 2019, għall-ħabta tas-2:00 ta' wara nofsinhar, ikkommetta serq ta' *charity money box* minn ġewwa l-ħanut Optika, Triq ix-Xatt, Sliema, għad-detriment ta' Christopher Sansone u/jew persuna/i oħra, liema serq ma jeċċedix is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94);

4. Nhar il-15 ta' Marzu 2019, għall-ħabta tal-4:45 ta' wara nofsinhar, ikkommetta serq ta' *charity money box* minn ġewwa l-ħanut Pizza Planet, Vjal il-Wieħed u Għoxrin ta' Settembru, Naxxar, għad-detriment ta' l-SPCA u/jew persuna/i oħra, liema serq ma jeċċedix is-somma ta' mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94);

5. Nhar is-16 ta' Marzu 2019 f'xi ħin wara nofsinhar, ikkommetta serq ta' żewġt ifliexken tax-xorb alkoħoliku minn ġewwa l-ħanut 8 Till Late, Triq it-Torri, Sliema, għad-detriment tal-kumpannija Miller Distributors u/jew kumpannija/i oħra, liema serq ma jeċċedix is-somma ta' mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94);

6. Nhar is-17 ta' Marzu 2019 f'xi ħin wara nofsinhar, ikkommetta serq ta' żewġt ifliexken tax-xorb alkoħoliku minn ġewwa l-ħanut 8 Till Late, Triq Dun Karm Psaila, Sliema, għad-detriment tal-kumpannija Miller Distributors u/jew kumpannija/i oħra, liema serq ma jeċċedix is-somma ta' mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94);

7. Nhar is-17 ta' Marzu 2019 għall-ħabta tat-8:00 ta' filgħaxija, ikkommetta serq ta' żewġt ifliexken tax-xorb alkoħoliku minn ġewwa l-ħanut Drinks and More, Vjal ir-Riħan, San Ġwann, għad-detriment ta' Clint Muscat u/jew persuna/i oħra, liema serq ma jeċċedix is-somma ta' mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94);

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Omar Bekbak waħdu**, talli:

8. Naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u cioè mill-Maġistrat Dr. Natasha Galea Sciberras LL.D., bid-Digriet datat 11 ta' Mejju 2016, u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(1)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Kiser il-provvedimenti ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Natasha Galea Sciberras LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' sejbien ta' ħtija fir-rigward ta' **Omar Bekbak**, l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tittratta ma' **Paul Gauci Borda** u **Omar Bekbak**, bħala reċidivi ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-

Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mogħtija lilhom mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "JR1" sa' Dok. "JR12" a fol. 7 sa' 32 tal-proċess;

Rat li entrambe l-imputati oriġinarjament iddikjaraw li ma humiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom[1], iżda fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2023[2] entrambe l-imputati ddikjaraw li huma ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom, liema ammissjoni ġiet minnhom ikkonfermata wara li l-Qorti spjegatilhom l-implikazzjonijiet legali ta' tali ammissjoni u tagħthom biżżejjed żmien biex jirrikonsidraw tali ammissjoni tagħhom u jerġgħu lura minnha;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur (illum Supretendent) Jonathan Ransley mogħtija waqt is-seduti ta' l-4 ta' April 2019[3], ta' l-14 ta' Mejju 2019[4], ta' l-20 ta' Mejju 2019[5], tas-26 ta' Ġunju 2020[6], tat-2 ta' Mejju 2022[7], tat-12 ta' Settembru 2022[8] u tad-29 ta' Novembru 2022[9] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "A" sa' Dok. "D" (esebiti waqt is-seduta ta' l-4 ta' April 2019 u in segwitu rtirati mill-Espert Tekniku John Sacco), Dok. "JR1" sa' Dok. "JR11" a fol. 61 sa' 71 tal-proċess, Dok. "GV1" sa' Dok. "GV14" a fol. 127 sa' 140 tal-proċess, Dok. "X" sa' Dok. "X16" a fol. 263 sa' 284 tal-proċess u Dok. "JRY" a fol. 476 sa' 481 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Malcolm Sammut mogħtija waqt is-seduti ta' l-14 Mejju 2019[10] u tat-18 ta' Jannar 2023[11] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "MS1" sa' Dok. "MS4"[12], semgħet ix-xhieda ta' PC449 Jean Claude Debono mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Mejju 2019[13] u x-xhieda ta' Jason James Pawney mogħtija waqt is-seduti ta' l-14 ta' Mejju 2019[14] u tat-18 ta' Jannar 2023[15], semgħet ix-xhieda ta' PS157 Brian Mifsud mogħtija waqt is-seduti ta' l-14 ta' Mejju 2019[16] u tas-26 ta' Ġunju 2020[17] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "BM"[18], semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku John Sacco mogħtija waqt is-seduti ta' l-14 ta' Mejju 2019[19] u tas-27 ta' Lulju 2021[20] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "JS" a fol. 74 sa' 109 tal-proċess u r-Relazzjoni ulterjuri tiegħu markata Dok. "JS" a fol. 434 sa' 446 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS1033 Sandro Mangion[21], ta' WPS215 Valerie Mifsud[22] u ta' PC1394 Gilbert

[1] Fol. 33 u 34 tal-proċess.
[2] Fol. 507 tal-proċess.
[3] Fol. 37 sa' 40 tal-proċess.
[4] Fol. 59 u 60 tal-proċess.
[5] Fol. 126 tal-proċess.
[6] Fol. 261 u 262 tal-proċess.
[7] Fol. 475 tal-proċess.
[8] Fol. 490 u 491 tal-proċess.
[9] Fol. 495 u 496 tal-proċess.
[10] Fol. 53 sa' 55 tal-proċess.
[11] Fol. 498 u 499 tal-proċess.
[12] Esebit Nru. KA199/2019.
[13] Fol. 110 sa' 112 tal-proċess.
[14] Fol. 113 sa' 116 tal-proċess.
[15] Fol. 550 u 501 tal-proċess.
[16] Fol. 56 sa' 58 tal-proċess.
[17] Fol. 285 tal-proċess.
[18] Esebit Nru. KA199/2019.
[19] Fol. 72 u 73 tal-proċess.
[20] Fol. 432 u 433 tal-proċess.
[21] Fol. 118 u 119 tal-proċess.
[22] Fol. 120 sa' 122 tal-proċess.

Bajada[23], ilkoll mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2019, u x-xhieda ta' PS894 Alfred Cassar[24] u PS850 Stephen Micallef[25] mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Ġunju 2019 u rat id-dokumenti esebiti minn PS894 Alfred Cassar markati Dok. "RA1" sa' Dok. "RA9" a fol. 173 sa' 183 tal-proċess u d-dokument esebit minn PS850 Stephen Micallef markat Dok. "SM1" a fol. 186 sa' 189 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Kevin Sammut[26], Philip Gatt[27], Chris Sansone[28] u Omar Micallef[29], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Lulju 2019 u x-xhieda ta' Christian Sant mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Awwissu 2019[30], semgħet ix-xhieda tal-Probation Officer Marilyn Attard mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Awwissu 2020[31] u rat is-Social Inquiry Report imħejji minnha fir-rigward ta' l-imputat Paul Gauci Borda markat Dok. "MA" a fol. 296 sa' 329 tal-proċess, semgħet ix-xhieda tal-Probation Officer Anabel Bugeja mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Settembru 2020[32] u rat is-Social Inquiry Report imħejji minnha fir-rigward ta' l-imputat Omar Bekbak markat Dok. "AB" a fol. 341 sa' 355 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Helenio Galea[33], stazzjonat fir-Records Officer tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, u ta' Maria Dolores Fenech[34], Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2021 u rat id-dokument esebit minn Helenio Galea markat Dok. "EG" a fol. 376 sa' 378 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Igor Spasic mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' April 2021[35] u x-xhieda ta' l-Avukat Dr. Lennox Vella[36], ta' PC415 Randle Gili[37] u ta' Marilyn Schembri[38], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Mejju 2021 u rat it-traduzzjoni mill-Ingliż għall-Malti tax-xhieda ta' Igor Spasic imħejjija mill-Avukat Dr. Lennox Vella markata Dok. "LV" a fol. 393 sa' 402 tal-proċess u d-dokument esebit minn PC415 Randle Gili markat Dok. "RG" a fol. 405 tal-proċess (in segwitu rtirat mill-Espert Tekniku John Sacco), semgħet ix-xhieda ta' Anthea Vella mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Ġunju 2021[39] u rat id-dokument esebit minnha markat Dok. "AV" a fol. 427 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Karen Cremona, in rappreżentanza ta' Transport Malta, mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2021[40] u rat id-dokument esebit minnha markat Dok. "MT" a fol. 458 u 459 tal-proċess, u semgħet ix-xhieda ta' Stephania Calafato Testa, Assistent Reġistratur Qrati u Tribunal Kriminali, mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2022[41];

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 3 ta' Ġunju 2022[42], permezz ta' liema bagħat:

[23] Fol. 123 sa' 125 tal-proċess.
[24] Fol. 171 u 172 tal-proċess.
[25] Fol. 184 u 185 tal-proċess.
[26] Fol. 202 sa' 204 tal-proċess.
[27] Fol. 205 u 206 tal-proċess.
[28] Fol. 207 u 208 tal-proċess.
[29] Fol. 209 u 210 tal-proċess.
[30] Fol. 218 sa' 220 tal-proċess.
[31] Fol. 293 sa' 295 tal-proċess.
[32] Fol. 335 sa' 340 tal-proċess.
[33] Fol. 374 u 375 tal-proċess.
[34] Fol. 379 tal-proċess.
[35] Fol. 383 sa' 389 tal-proċess.
[36] Fol. 392 tal-proċess.
[37] Fol. 403 u 404 tal-proċess.
[38] Fol. 406 sa' 408 tal-proċess.
[39] 424 sa' 426 tal-proċess.
[40] Fol. 457 tal-proċess.
[41] Fol. 493 tal-proċess.
[42] Fol. 483 u 484 tal-proċess.

Lill-**imputati flimkien** sabiex jiġu ġġudikati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 271(g), 278(3), 279(b), 280(2) u 281(ċ);

Lill-**imputat Paul Gauci Borda waħdu** sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 284, 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 284, 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 284, 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 284, 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 284, 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 284, 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Lill-**imputat Omar Bekbak waħdu** sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikolu 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 22 ta' l-Att dwar il-Probation, Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2022 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u l-imputati ddikjaraw li ma għandhomx oġġezzjoni li l-każ tagħhom jiġi trattat bi proċedura sommarja; inqarw l-Artikoli;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputati flimkien qed jiġu mixlija talli nhar l-24 ta' Marzu 2019, għall-ħabta tas-2:00 ta' filgħodu minn Triq William Reid, Gżira: (1) ikkommettew serq ta' għoddod u/jew oġġetti oħra minn ġewwa vettura bin-Numru tar-Reġistrazzjoni GGV-225, għad-detriment ta' Jason James Pawney u Igor Spasic u/jew persuna/i oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur, liema ammont jeċċedi s-somma ta' €2,329.37.

L-imputat Paul Gauci Borda waħdu qed jiġi mixli talli b'diversi atti magħmulin minnu stess, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, u cioè talli: (2) nhar il-5 ta' Frar 2019, għall-ħabta tas-6:15 ta' filgħodu, ikkommetta serq ta' deodorants u/jew oġġetti oħra minn ġewwa l-ħanut "Convenience Store" Triq il-Prinċipessa Margerita, Msida, għad-detriment ta' Kevin Sammut u/jew persuna/i oħra, liema serq ma jeċċedix is-somma ta' €232.94; (3) nhar id-19 ta' Frar 2019, għall-ħabta tas-2:00 ta' wara

nofsinhar, ikkommetta serq ta' *charity money box* minn ġewwa l-ħanut Optika, Triq ix-Xatt, Sliema, għad-detriment ta' Christopher Sansone u/jew persuna/i oħra, liema serq ma jeċċedix is-somma ta' €232.94; (4) nhar il-15 ta' Marzu 2019, għall-ħabta tal-4:45 ta' wara nofsinhar, ikkommetta serq ta' *charity money box* minn ġewwa l-ħanut Pizza Planet, Vjal il-Wieħed u Għoxrin ta' Settembru, Naxxar, għad-detriment ta' l-SPCA u/jew persuna/i oħra, liema serq ma jeċċedix is-somma ta' €232.94; (5) nhar is-16 ta' Marzu 2019 f'xi ħin wara nofsinhar, ikkommetta serq ta' żewġt ifliexken tax-xorb alkoħoliku minn ġewwa l-ħanut 8 Till Late, Triq it-Torri, Sliema, għad-detriment tal-kumpannija Miller Distributors u/jew kumpannija/i oħra, liema serq ma jeċċedix is-somma ta' €232.94; (6) nhar is-17 ta' Marzu 2019 f'xi ħin wara nofsinhar, ikkommetta serq ta' żewġt ifliexken tax-xorb alkoħoliku minn ġewwa l-ħanut 8 Till Late, Triq Dun Karm Psaila, Sliema, għad-detriment tal-kumpannija Miller Distributors u/jew kumpannija/i oħra, liema serq ma jeċċedix is-somma ta' €232.94; (7) nhar is-17 ta' Marzu 2019 għall-ħabta tat-8:00 ta' filgħaxija, ikkommetta serq ta' żewġt ifliexken tax-xorb alkoħoliku minn ġewwa l-ħanut Drinks and More, Vjal ir-Riħan, San Ġwann, għad-detriment ta' Clint Muscat u/jew persuna/i oħra, liema serq ma jeċċedix is-somma ta' €232.94.

L-<u>imputat Omar Bekbak waħdu</u> qed jiġi mixli talli: (8) naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u cioè mill-Maġistrat Dr. Natasha Galea Sciberras LL.D., bid-Digriet datat 11 ta' Mejju 2016, u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(1)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (9) kiser il-provvedimenti ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Natasha Galea Sciberras LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 3 ta' Ġunju 2022[43], l-Avukat Ġenerali bagħat:

Lill-<u>imputati flimkien</u> sabiex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 271(g), 278(3), 279(b), 280(2) u 281(ċ);

Lill-<u>imputat Paul Gauci Borda</u> waħdu sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 284, 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 284, 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 284, 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 284, 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 284, 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 284, 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[43] Fol. 483 u 484 tal-proċess.

U lill-<u>imputat Omar Bekbak waħdu</u> sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikolu 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 22 ta' l-Att dwar il-Probation, Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-ewwel l-imputati ddikjaraw li ma humiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom iżda fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2023, entrambe l-imputati rreġistraw ammissjoni għall-imputazzjonijiet dedotti kontrihom.

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputati, kif ukoll fid-dawl tal-provi prodotti tul is-smigħ ta' dawn il-proċeduri, il-Qorti għandha ssib lill-imputati ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom b'dana però li fir-rigward ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront taż-żewġ imputati flimkien, il-valur ta' l-oġġetti misruqa għandu jitqies li ma jeċċedix is-somma ta' €2,329.37, stante li mix-xhieda ta' Jason James Pawney, irriżulta li l-valur ta' tali oġġetti kien ta' madwar €1,500[44].

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputati u minnhom ammessi u ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li mis-Social Inquiry Reports imħejjija fil-konfront taż-żewġ imputati jirriżulta li l-vittmi kollha ħafrulhom u li wieħed minnhom biss, ossia Philip Gatt, wera x-xewqa li jingħata kumpens mingħand Paul Gauci Borda. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-pjan ta' kura rakkomandat mill-Probation Officer Marilyn Attard fir-rigward ta' l-imputat Paul Gauci Borda: *tul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport l-iktar li tispikka hija l-problema ta' dipendenza mid-droga għaliex din twassal lil Paul sabiex jikkommetti reati kriminali kif ukoll in-nuqqas ta' struttura u rutina. Għaldaqstant, il-pjan ta' kura għandu jindirizza dawn il-fatturi billi jinkludi li Paul jibqa' jattendi għal sessjonijiet mal-Caritas sabiex jasal biex jagħmel programm kif ukoll li Paul għandu bżonn jibqa' jingħata sapport sabiex jibqa' jfittex b'mod attiv impjieg fiss. Finalment billi Paul issa jinsab kemm xejn stabbli huwa neċessarju jitkompla jingħata sapport*[45], u l-pjan ta' kura rakkomandat mill-Probation Officer Anabel Bugeja fir-rigward ta' l-imputat Omar Bekbak: *hekk kif ġie indikat matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport, irriżulta li l-problema prinċipali ta' Omar Bekbak hija l-problema tad-droga. Jidher ukoll li din il-problema qatt ma ġiet indirizzata b'mod serju. Għaldaqstant, f'dawn iċ-ċirkostanzi huwa essenzjali li l-imputat jindirizza l-problema tad-droga b'mod tassattivv. Dan sabiex eventwalment ikun f'posizzjoni li jadotta stil ta' ħajja stabbli u l-bogħod mill-kriminalità*[46]. Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat Omar Bekbak, ħadet in konsiderazzjoni wkoll dak provdut fl-Artikolu 23(2) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia li *bla ħsara għad-dispożizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tiġi ttrattat għar-reat li dwaru tkun tqegħdet taħt probation b'ordni ta' servizz fil-komunità, jew b'ordni ta' probation u servizz jew tkun ġiet kondizzjonalment liberata, il-qorti ma tkunx tista' tqiegħed lill-ħati taħt sanzjoni komunitarja jew tagħmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1)*, u dak provdut fl-Artikolu 28A(7)(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia li *ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) ma għandux isir f'xi wieħed*

[44] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Mejju 2019, fol. 110 sa' 112 tal-proċess.
[45] Dok. "MA" a fol. 296 sa' 329 tal-proċess.
[46] Dok. "AB" a fol. 341 sa' 355 tal-proċess.

*mill-każijiet li ġejjin - … (ċ) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' probation jew liberazzjoni taħt kondizzjoni skond l-Att dwar il-Probation*, kif ukoll il-prinċipju ormai ferm assodat fis-sistema ġuridika nostrali li f'każ ta' ksur ta' provvedimenti ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti għandha tittratta ma' l-imputat/ħati għar-reat li dwaru tkun saret tali ordni.

Għaldaqstant:

- Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 18, 20, 31, 49, 50, 261(b)(ċ)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271(g), 278(1)(3), 279(a), 280(2), 284, 285 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib **lill-imputat Paul Gauci Borda** ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess u a bażi tal-provi prodotti, ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, b'dana però li in kwantu rigwarda l-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih, flimkien ma' l-imputat Omar Bekbak, il-valur ta' l-oġġetti misruqa qed jitqies li ma jeċċedix is-somma ta' €2,329.37 iżda, peress illi l-Qorti hija sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ u fid-dawl tal-karattru ta' l-imputat, kif ukoll fid-dawl tal-fatt li huwa għandu problema ta' abbuż ta' droga, is-sorveljanza ta' l-istess imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu mill-vizzju tad-droga u l-hajja ta' kriminalità, kif ukoll jiġi protett il-pubbliku, u sabiex jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra da parte ta' l-imsemmi imputat, a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

  A termini ta 'l-Artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta 'Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem li huwa jifhem, x'inhuma l-effetti ta 'l-Ordni ta 'Probation imposta fuqu bid-Digriet mogħti llum stess, u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma 'tali Ordni ta 'Probation jew jagħmel xi reat ieħor waqt il-perijodu ta 'tali Ordni, huwa jista 'jingħata sentenza għar-reati mertu ta 'dawn il-proċeduri.

  Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja tal-Probation Order tingħata lill-imputat kif ukoll tiġi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

  Ai termini ta' l-Artikolu 24(1) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil Paul Gauci Borda sabiex iħallas lil Philip Gatt ta' Drinks and More, Vjal ir-Riħan, San Ġwann, is-somma ta' €84.00 rappreżentanti l-valur taż-żewġt iflieken ta' xorb alkoħoliku minnu misruqa mill-imsemmi ħanut.

- Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 20, 31, 49, 50, 261(b)(ċ)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271(g), 278(1)(3), 279(a), 280(2), 289 u 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-**imputat Omar Bekbak** ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess u a bażi tal-provi prodotti, ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu, b'dana però li in kwantu rigwarda l-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih, flimkien ma' l-imputat Paul Gauci Borda, il-valur ta' l-oġġetti misruqa qed jitqies li ma jeċċedix is-somma ta' €2,329.37, iżda, peress illi l-Qorti hija sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ u fid-dawl tal-karattur ta' l-imputat, kif ukoll fid-dawl tal-fatt li

huwa għandu problema ta' abbuż ta' droga, is-sorveljanza ta' l-istess imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu mill-vizzju tad-droga u l-hajja ta' kriminalità, kif ukoll jiġi protett il-pubbliku, u sabiex jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra da parte ta' l-imsemmi imputat, a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A termini ta 'l-Artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta 'Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem li huwa jifhem, x'inhuma l-effetti ta 'l-Ordni ta 'Probation imposta fuqu bid-Digriet mogħti llum stess, u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma 'tali Ordni ta 'Probation jew jagħmel xi reat ieħor waqt il-perijodu ta 'tali Ordni, huwa jista 'jingħata sentenza għar-reati mertu ta 'dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja tal-Probation Order tingħata lill-imputat kif ukoll tiġi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' €100 mid-depożitu ta' €500 impost fuq l-imputat Omar Bekbak għall-finijiet tal-ħelsien mill-arrest fid-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest pronunċjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Natasha Galea Sciberras datat 11 ta' Mejju 2016.

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 23(1)(a)(2) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 8(a)(b), 22(1)(a)(2)(b)(i) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-**imputat Omar Bekbak** ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess u a bażi tal-provi prodotti, tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva. Peress illi l-imputat già kien ġie kkundannat għall-multa ai termini ta' l-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta in forza tas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Omar Bekbak" pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Novembru 2018, din il-Qorti ma hijiex ser terġa' timponi multa oħra fuqu.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna:

- Lill-**imputat Paul Gauci Borda** iħallas lir-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali s-segwenti ammonti:

    1. Is-somma komplessiva ta' €1,942.28 rappreżentanti spejjeż inkorsi in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Tekniku John Sacco;
    2. Is-somma ta' €52.46 rappreżentanti sehemu (ossia nofs) mill-ispejjeż inkorsi in konnessjoni man-nomina ta' l-Avukat Dr. Lennox Vella - komplessivament ammontanti għal **€1,994.74**.

Din is-somma ta' €1,994.74 għandha titħallas minn Paul Gauci Borda fuq medda ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar konsekuttivi permezz ta' tlieta u għoxrin (23) pagament mensili konsekuttiv u sussegwenti ta' €83.11 il-wieħed u b'pagament wieħed (1) ulterjuri ta' €83.21, sal-ħlas tas-somma intiera ta' €1,994.74. L-ewwel pagament isir pagabbli u dovut fis-26 ta' April 2024 u kull pagament mensili konsekuttiv u sussegwenti sal-ħlas intier tas-somma ta' €1,994.74, isir pagabbli u dovut fis-26 ġurnata ta' kull xahar konsekuttiv u sussegwenti. Kemm-il darba l-imputat Paul Gauci Borda ma jħallasx imqar pagament mensili wieħed, is-somma ta' €1,994.74 jew kwalunkwe bilanċ minnha dovut, isir dovut u pagabbli fl-intier tiegħu minnufih u fin-nuqqas ta' ħlas ta' tali ammont hekk dovut japplikaw fil-konfront tiegħu l-provvedimenti ta' l-Artikolu 533(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

- Lill-**imputat Omar Bebak** iħallas lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali s-somma ta' €52.46 rappreżentanti sehemu (ossia nofs) mill-ispejjeż inkorsi in konnessjoni man-nomina ta 'l-Avukat Dr. Lennox Vella. Din is-somma għandha titħallas fi żmien sena (1) mid-data ta' din is-sentenza u kemm-il darba tali ħlas ma jiġix effetwat entro t-terminu hawn prefiss, japplikaw fil-konfront tiegħu l-provvedimenti ta' l-Artikolu 533(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 370(6) u 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza u tad-Digrieti għall-ħruġ ta' Ordni ta' Probation annessi magħha u formanti parti integrali minnha.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**